KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 20.03.2006
KUMM(2006) 127 finali

2006/0041 (AVC)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni tal-Komunità rigward l-abbozz ta' Regolament tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tal-kamp viżiv tas-sewwieq tal-vettura.

(preżentata mill-Kummissjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. ĠENERALI

Permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/836/KE tas-27 ta' Novembru 1997, il-Komunità Ekonomika Ewropea saret Parti Kontraenti tal-Ftehim Rivedut ta' l-1958 tal-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ewropa (UN/ECE). Dik id-Deċiżjoni daħlet fis-seħħ fl-24 ta' Marzu 1998.

L-Artikolu 4 ta' dik id-Deċiżjoni jistipula, *inter alia*, li meta abbozz ta' Regolament tal-UN/ECE jiġi ppreżentat għal vot fi ħdan il-korpi xierqa tal-UN/ECE, l-abbozz ikkonċernat ikun jeħtieġlu jiġi approvat mill-Kunsill, wara li jkun inkiseb il-qbil tal-Parlament Ewropew, qabel ma l-Komunità tkun tista' tiddikjara lilha nnifisha favur l-adozzjoni ta' l-abbozz.

L-aġenda tal-laqgħa li jmiss tal-Forum Dinji dwar l-Armonizzazzjoni tar-Regolamenti tal-Vetturi ta' l-UN/ECE se tinkludi, b'mod partikolari, vot dwar abbozz (ġdid) tar-Regolament dwar il-kamp viżiv tas-sewwieq min-naħa ta' quddiem tal-vettura.

L-għan ewlieni ta' l-abbozz tar-Regolament huwa li jistabbilixxi preskrizzjonijiet tekniċi armonizzati, li bihom jiġi evitat il-ħolqien ta' ostakli tekniċi għan-negozju fil-vetturi b'mutur bejn il-Partijiet Kontraenti, waqt li jiġi żgurat livell għoli ta' sikurezza għas-sewwieq. Speċifikament, l-abbozz tar-regolament ikun jista' jiżgura kamp viżiv permezz tal-windskrin u ħġieġ ieħor. Il-Kummissjoni tqis għalhekk li jkun xieraq li l-KE tivvota favur dan l-abbozz (ġdid) ta' Regolament.

Huwa previst ukoll li l-abbozz tar-Regolament isir parti mis-sistema għall-approvazzjoni tat-tip għall-vetturi bil-mutur minħabba li l-ambitu tad-Direttiva tal-Kunsill 77/649/KE, kif emendata l-aħħar mid-Direttiva tal-Kummissjoni 90/630/KE huwa simili għal dak ta' dan l-abbozz ta' Regolament.

Il-pożizzjoni tal-KE fiż-żmien tal-votazzjoni se tkun ibbażata fuq dokumenti disponibbli fil-lingwi uffiċjali ta' l-UN/ECE (il-Franċiż u l-Ingliż). Billi l-KE saret Parti fil-Ftehim ta' l-UN/ECE ta' l-1958, hija fl-obbligu li tosserva l-proċeduri previsti f'dak il-Ftehim.

F'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 4(5) tad-Deċiżjoni 97/836/KE, qabel ma jidħol fis-seħħ, ir-Regolament se jiġi ppubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* bil-lingwi uffiċjali kollha tal-Komunitajiet.

2. IL-KONTENUT TAL-PROPOSTA GĦAL DEĊIŻJONI

L-għan tal-proposta huwa li tippermetti lir-rappreżentant tal-Kummissjoni sabiex jivvota dwar l-abbozz tar-Regolament dwar l-approvazzjoni tal-vetturi bil-mutur fir-rigward tal-kamp viżiv tas-sewwieq min-naħa ta' quddiem tal-vettura waqt laqgħa fil-ġejjieni f'isem il-Komunità tal-Forum Dinji ta' l-UN/ECE dwar l-Armonizzazzjoni tar-Regolamenti tal-Vetturi.

2006/0041 (AVC)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni tal-Komunità rigward l-abbozz ta' Regolament tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tal-kamp viżiv tas-sewwieq tal-vettura.

(Test b'relevanza għall–EEA)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/836/KE tas-27 ta' Novembru 1997 bil-ħsieb ta' l-adeżjoni tal-Komunità Ewropea mal-Ftehim tal-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ewropa dwar l-addozzjoni ta' preskrizzjonijet tekniċi uniformi għall-vetturi bir-roti, tagħmir u partijiet li jistgħu ikunu iffittjati ma' u/jew ikunu wżati ma' vetturi bir-roti u l-kundizzjonijet reċiproċi ta' l-approvazzjonijiet mogħtija fuq il-bażi ta' dawn il-preskrizzjonijet[1], u b'mod partikolari t-tieni inċiż ta' l-Artikolu 4(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni[2],

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew [3],

Billi:

(1) L-abbozz tar-Regolament tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-approvazzjoni ta' vettur bil-mutur fir-rigward tal-kamp viżiv tas-sewwieq min-naħa ta' quddiem[4] jipprevedi t-tneħħija tax-xkiel tekniku għan-negozju fil-vetturi bil-mutur bejn il-Partijiet Kontraenti f'dak li għandu x'jaqsam ma' dawn l-aspetti, filwaqt li jiżgura livell għoli ta' sikurezza..

(2) Jixraq li l-pożizzjoni tal-Komunità rigward l-abbozz ta' Regolament tiġi ddefinita, u b'konsegwenza ta' dan biex issir proviżjoni għall-Komunità, irrappreżentata mill-Kummissjoni, biex tivvota favur dak l-abbozz.

(3) L-abbozz ta' Regolament għandu jsir parti mis-sistema Komunitarja għall-approvazzjoni tat-tip tal-vetturi bil-mutur minħabba li l-ambitu tad-Direttiva tal-

---

1 ĠU L 346 17.12.1997, p. 78
2 ĠU C... ..[kemm iddaħħal id-data mingħajr ' ta' '] ., p.
3 ĠU C... ., p. .
4 Dokument UN/ECE TRANS/WP.29/2005/82

Kunsill 77/649/KE, kif emendat l-aħħar mid-Direttiva tal-Kummissjoni 90/630/KE huwa simili għal dak ta' dan l-abbozz ta' regolament.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-abbozz tar-Regolament tal-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ewropa (UN/ECE) dwar l-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tal-kamp viżiv tas-sewwieq min-naħa ta' quddiem tal-vettura, kif jidher fid-dokument TRANS/WP.29/2005/82 huwa b'dan approvat.

Artikolu 2

Il-Komunità, irrappreżentata mill-Kummissjoni, sejra tivvota favur l-abbozz ta' Regolament tal-UN/ECE msemmi fl-Artikolu 1 f'laqgħa fil-ġejjieni tal-Kumitat Amministrattiv tal-Forum Dinji ta' l-UN/ECE għall-Armonizzazzjoni tar-Regolamenti tal-Vetturi.

Artikolu 3

L-abbozz UN/ECE dwar l-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tal-kamp viżiv tas-sewwieq min-naħa ta' quddiem tal-vettura għandha ssir parti mis-sistema ta' approvazzjoni tal-vetturi bil-mutur.

Magħmula fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President